



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2012/2205(DEC)

1.3.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2011
(C7-0268/2012 – 2012/2205(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Georgios Papanikolaou

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-kontijiet annwali tal-Europol jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-qagħda finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2011 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet f'dik id-data, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti tal-kontijiet annwali tal-Europol għas-sena finanzjarja 2011 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
2. Jinnota li l-baġit tal-Europol ammonta għal EUR 84 771 084 għas-sena finanzjarja 2011, b'sussidju tal-Unjoni li jammonta għal EUR 83 469 000; jinnota wkoll li fl-2011 l-Europol impenja rispettivament 99,1 %, 75 % u 95,1 % tal-appropriazzjonijiet li rċieva fl-ambitu tat-Titolu I (Nefqa għall-persunal), it-Titolu II (Nefqa amministrattiva) u t-Titolu III (Nefqa operattiva); josserva li f'termini ta' appropriazzjonijiet imħallsa r-rata ta' eżekuzzjoni tal-Europol hija ta' 96,8 % fl-ambitu tat-Titolu 1, 33,8 % fl-ambitu tat-Titolu 2 and 47,1 % fl-ambitu tat-Titolu 3; jirrikonoxxi ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali li fihom l-Europol kellu jimplementa l-baġit tal-2011, b'mod partikolari d-dewmien fl-għoti tas-sede l-ġdida (Titolu 2) u l-bżonn li jiġi riportat ammont sostanzjali sabiex jiġu assorbiti kompiti ġodda mingħajr finanzjament addizzjonali (Titolu 2); madankollu, jistieden lill-Europol jimplementa miżuri speċifiċi biex itejjeb ir-rata ta' eżekuzzjoni tiegħu ta' pagamenti fil-każ tan-nefqa amministrattiva u operattiva;
3. Jiddispijaċih li, għat-tieni sena konsekuttiva, il-Qorti tal-Awdituri tikkummenta dwar il-livell għoli ta' riporti tal-appropriazzjonijiet ta' impenn (41 % tan-nefqa amministrattiva u 46 % tan-nefqa operattiva); jifhem li l-Europol huwa aġenzija operattiva u li l-implimentazzjoni tal-ippjanar baġitarju tiegħu jiddependi wkoll minn fatturi esterni; jinnota li 9 % tal-appropriazzjonijiet riportati mill-2010 kienu kkanċellati; jieħu nota tal-ispjegazzjoni mogħtija mill-Europol li tirreferi mill-ġdid għat-traslok li dam lejn il-binja l-ġdida tagħhom kif ukoll għall-isforzi magħmulin għal osservanza aħjar tal-prinċipju tal-annwalità u għat-titjib tal-proċess tiegħu ta' ppjanar u bbaġitar; jitlob lill-Europol jissokta bl-isforzi tiegħu f'dan is-sens;
4. Jieħu nota tal-kummenti mill-Qorti tal-Awdituri dwar in-nuqqas ta' proċeduri għal eċċezzjonijiet, dwar is-sistema kontabilistika li għadha mhix kompletament validata, il-lok għal titjib fir-rigward tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku, ir-regoli u proċeduri dettaljati li għadhom ma ġewx adottati għall-implimentazzjoni tar-regolament finanzjarju tal-Europol, in-noninklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-kostijiet tad-dilapidazzjoni tal-binja l-ġdida, id-dgħufijiet misjubin fil-verifika fiżika u fir-reġistrazzjoni tal-beni qabel u wara t-traslok għas-sede l-ġdida, il-lok għal titjib fit-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ kif ukoll il-perċentwal għoli ta' persunal li rriportaw liv annwali ta' aktar minn 12-il ġurnata għas-sena sussegwenti li jista' jsir biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali; jirrikonoxxi t-tweġibiet tal-Europol għal dawn il-kummenti u t-titjib imħabbar mill-Europol; jistieden lill-Europol itejjeb il-ġestjoni tiegħu sabiex inaqqas l-ammont ta' kummenti mill-Qorti tal-Awdituri fir-rapport tas-sena d-dieħla;

5. Jieħu nota tar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-fond tal-pensjonijiet tal-Europol¹ għas-sena finanzjarja 2011 kif ukoll tat-tweġibiet tal-fond; jistieden lill-Europol jinformah dwar kull deċiżjoni marbuta mal-futur tal-fond;
6. B'mod ġenerali, jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tiffoka aktar fuq l-awditjar tal-amministrazzjoni finanzjarja tajba tal-Europol, partikolarment l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja li bihom l-Europol uża l-appropriazzjonijiet tiegħu fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tiegħu;
7. Jenfasizza l-fatt li l-Europol uża l-informazzjoni u l-kompetenza operattiva tiegħu biex jappoġġa lill-awtoritajiet tal-Istati Membri fi 13 697 każ transkonfinali, li jirrappreżenta żieda ta' 17 % meta mqabbel mal-2010; jinnota wkoll li aktar minn 25 % tal-operazzjonijiet tal-Europol kienu b'rabta mad-droga, li l-Europol appoġġa, fost oħrajn, 22 investigazzjoni ta' livell għoli dwar it-traffikar tal-bnedmin, 9 operazzjonijiet Ewropej kbar kontra netwerks tal-kriminalità li jiffaċilitaw l-immigrazzjoni illegali u operazzjonijiet kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal bħal Operation Rescue li wasslet għal 250 arrest madwar id-dinja u għall-protezzjoni ta' 252 tifel u tifla; jifraħ lill-Europol għal dawn ir-riżultati u jħeġġu jkompli miexi b'dan il-mod.

¹ L-oġjettiv tal-Fond tal-Pensjonijiet tal-Europol huwa li jiffinanzja u jħallas il-pensjonijiet tal-persunal diġà impjegat mal-Europol qabel ma saret aġenzija tal-UE fl-1 ta' Jannar 2010.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	21.2.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 48 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Rita Borsellino, Emine Bozkurt, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Philip Claeys, Carlos Coelho, Ioan Enciu, Frank Engel, Kinga Gál, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Ágnes Hankiss, Anna Hedh, Sophia in 't Veld, Livia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Véronique Mathieu Houillon, Anthea McIntyre, Nuno Melo, Louis Michel, Claude Moraes, Georgios Papanikolaou, Jacek Protasiewicz, Carmen Romero López, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Renate Sommer, Nils Torvalds, Wim van de Camp, Axel Voss, Renate Weber, Josef Weidenholzer, Auke Zijlstra
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Mariya Gabriel, Monika Hohlmeier, Marian-Jean Marinescu, Jan Mulder, Raül Romeva i Rueda, Salvador Sedó i Alabart
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Knut Fleckenstein, Karin Kadenbach, Iosif Matula, Ivo Vajgl